

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/204

tat-28 ta' Novembru 2019

dwar l-obbligi dettaljati tal-fornituri tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku, il-kontenut minimu tad-dikjarazzjoni tad-dominju tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku, l-interfaċċji elettroniċi, ir-rekwiżiti għall-kostitwenti tal-interoperabbiltà u li jħassar id-Deċiżjoni 2009/750/KE

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2019/520 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-interoperabbiltà tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffi tat-triq fl-Unjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari, l-Artikoli 5(11), 6(9), 14(3), 15(6) u 15(7) tagħha,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat tal-Pedaġġ Elettroniku,

Billi:

- (1) Sabiex jitlesta l-qafas leġislativ sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi elettroniċi tal-pedaġġ, jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti dettaljati fir-rigward tal-obbligi tal-fornituri tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku (EETS), il-kontenut tad-dikjarazzjoni tad-dominju tal-EETS, l-interfaċċji elettroniċi u r-rekwiżiti għall-kostitwenti tal-interoperabbiltà.
- (2) Sabiex jiġu evitati problemi ta' prestazzjoni tas-sistema tal-EETS, jenħtieġ li l-fornituri tal-EETS jintalbu jissorveljaw is-servizz tagħhom u jikkollaboraw mal-kollektur tal-pedaġġ meta jwettqu t-testijiet tas-sistema tal-pedaġġ.
- (3) Jenħtieġ li l-fornituri tal-EETS jipprovdu *data* speċifika lill-kollektur tal-pedaġġ sabiex tkun tista' ssir il-verifika tal-kalkolu tal-pedaġġ applikat.
- (4) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-sistema tal-EETS, jenħtieġ li l-fornituri tal-EETS jipprovdu appoġġ tekniku għall-identifikazzjoni tat-tagħmir ta' abbord.
- (5) Fejn il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jinvolvu l-ipproċessar ta' *data* personali, dawn jenħtieġ li jitwettqu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali u l-privatezza, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, u, fejn applikabbli, id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾. Għal dan il-għan, il-fornituri tal-EETS ma għandhomx ikunu meħtieġa jipprovdu aktar *data* dwar il-klijenti lill-kollekturi tal-pedaġġ minn kemm tkun meħtieġa sabiex jiġi żgurat il-funzjonament korrett tal-EETS.
- (6) Sabiex tingħata informazzjoni xierqa lill-utenti, jenħtieġ li l-fatturazzjoni tkun tirrifletti d-diversi komponenti tas-servizz u tal-prezz tal-pedaġġ b'mod trasparenti.
- (7) Jenħtieġ li l-kontenut minimu ta' dikjarazzjoni tad-dominju tal-EETS jiġi speċifikat sabiex il-fornituri tal-EETS jingħataw biżżejjed ċarezza fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-forniment tal-EETS fid-dominju tal-pedaġġ korrispondenti.
- (8) Il-funzjonament mingħajr xkiel tal-EETS jeħtieġ livell minimu ta' armonizzazzjoni tal-interfaċċji elettroniċi, u tal-funzjonament tal-interfaċċji bejn il-partijiet, b'mod partikolari bejn il-kollekturi tal-pedaġġ u l-fornituri tal-EETS.
- (9) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi tal-infrastruttura sabiex jippermettu l-komunikazzjoni u l-funzjonament korretti tat-tagħmir tal-partijiet involuti u sabiex jinkiseb funzjonament bla xkiel u sigur tal-interoperabbiltà u l-infurzar tal-EETS.
- (10) Sabiex il-proċess tal-akkreditazzjoni tal-fornituri tal-EETS ikun aktar effettiv, hija meħtieġa ċerta armonizzazzjoni tal-proċedura għall-valutazzjoni tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u l-idoneità għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà fid-dominji differenti kollha tal-EETS. Għalhekk, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura bħal din, li tinkludi l-kontenut u l-format tad-dikjarazzjonijiet tal-KE.

⁽¹⁾ ĠU L 91, 29.3.2019, p. 45.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

⁽³⁾ Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.

- (11) Sabiex jiġu żgurati l-koerenza tal-qafas ġuridiku u l-funzjonament xieraq tas-sistema tal-EETS, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/750/KE (*) titħassar mid-data sa meta d-Direttiva (UE) 2019/520 trid tiġi trasposta fl-Istati Membri kollha, li hija d-data li fiha ser jibdev japplikaw dan ir-Regolament u l-atti delegati msemmija f'dik id-Direttiva.
- (12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Pedaġġ Elettroniku, imsemmi fl-Artikolu 31(1) tad-Direttiva (UE) 2019/520.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi obbligi ddettaljati għall-fornituri tal-EETS, informazzjoni dwar il-kontenut minimu tad-dikjarazzjoni tad-dominju tal-EETS, l-ispeċifikazzjonijiet għall-interfaċċi elettroniċi bejn il-kostitwenti tal-interoperabbiltà, ir-rekwiżiti għal dawn il-kostitwenti, u l-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Istati Membri sabiex jivvalutaw il-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u l-idoneità għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà.

Artikolu 2

Obbligi dettaljati tal-fornituri tal-EETS

1. Għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-servizzi tagħhom, il-fornituri tal-EETS għandhom jistabbilixxu proċessi operattivi vverifikati li jipprevedu miżuri xierqa meta jinstabu problemi ta' prestazzjoni jew ksur tal-integrità.
2. Fis-sistemi bbażati fuq is-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita, il-fornituri tal-EETS għandhom jissorveljaw id-disponibbiltà tad-data dwar in-navigazzjoni u l-lokalizzazzjoni bis-satellita. Huma għandhom jinformat lill-kolletturi tal-pedaġġ dwar id-diffikultajiet li jista' jkollhom sabiex jistabbilixxu d-data tad-dikjarazzjoni tal-pedaġġ li tirrigwardja r-riċezzjoni tas-sinjali tas-satellita.
3. Kollettur tal-pedaġġ jista' jitlob il-kooperazzjoni ta' fornitur tal-EETS sabiex iwettaq testijiet dettaljati u li ma jkunux imħabbra tas-sistema tal-pedaġġ li jinvolvu l-vetturi li jkunu qed jiċċirkolaw jew li jkunu ċċirkolaw riċentement fid-dominju/i tal-EETS tal-kollettur tal-pedaġġ. L-għadd ta' vetturi sottomessi għal dawn it-testijiet matul sena għal fornitur partikolari tal-EETS għandu jkun proporzjonat mal-medja annwali tat-traffiku jew tal-projezzjonijiet tat-traffiku tal-fornitur tal-EETS fid-dominju/i tal-EETS tal-kollettur tal-pedaġġ.
4. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, il-fornitur tal-EETS għandu jipprovdi lill-kollettur tal-pedaġġ bl-informazzjoni li ġejja, li hija meħtieġa sabiex japplika l-pedaġġ għall-vetturi tal-utenti tal-EETS, jew sabiex jippermetti lill-kollettur tal-pedaġġ jivverifika l-kalkolu tal-pedaġġ applikat għall-vetturi tal-utenti tal-EETS mill-fornituri tal-EETS:
 - (a) in-numru tal-pjanċa tal-liċenzja tal-vettura tal-utent tal-EETS, inkluż il-kodiċi tal-pajjiż tal-pjanċa tal-liċenzja internazzjonali;
 - (b) identifikatur tal-kont tal-utent tal-EETS;
 - (c) identifikatur tal-OBE, jekk jintuża f'dominju tal-EETS;
 - (d) il-parametri ta' klassifikazzjoni tal-vetturi meħtieġa sabiex tiġi stabbilita t-tariffa applikabbli.

L-iskambju tad-data għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Anness I ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

5. il-fornituri tal-EETS għandhom jipprovdu servizz xieraq u appoġġ tekniku sabiex jiżguraw it-twaqqif korrett tat-tagħmir ta' abbord. Il-fornituri tal-EETS għandhom ikunu responsabbli għall-parametri fissi tal-klassifikazzjoni tal-vetturi maħżuna fit-tagħmir ta' abbord jew fil-back office tagħhom. Il-parametri varjabbli tal-klassifikazzjoni tal-vetturi, li jistgħu jvarjaw minn vjaġġ għall-ieħor jew matul vjaġġ u li huma maħsuba li jiddaħħlu b'intervent minn ġol-vettura, għandhom ikunu konfigurabbli permezz ta' interfaċċja bniedem-magna adegwata.
6. Fejn applikabbli, il-fatturazzjoni tal-utenti tal-EETS individwali mill-fornituri tal-EETS għandha tissepara b'mod ċar il-ħlasijiet għas-servizz tal-fornitur tal-EETS mill-pedaġġi mġarrba, u għandha, bħala minimu, tispeċifika - sakemm l-utent ma jiddeċidix mod ieħor - il-ħin u l-post li fih iġġarrbu l-pedaġġi, kif ukoll il-kompożizzjoni tal-pedaġġi speċifiċi rilevanti għall-utenti.

(*) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/750/KE tas-6 ta' Ottubru 2009 dwar id-definizzjoni tas-Servizz Elettroniku Ewropew tan-Nollijiet u l-elementi tekniċi tiegħu, ĠU L 268, 13.10.2009, p. 11.

7. Il-fornituri tal-EETS għandhom jinformaw lill-utenti tal-EETS minnufih dwar kwalunkwe sitwazzjoni ta' pedaġġ mhux iddikjarat fir-rigward tal-kont tiegħu, filwaqt li joffrullhom l-oportunità li jirregolarizzaw il-kont qabel tittieħed xi azzjoni ta' infurzar, fejn dan ikun possibbli skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Artikolu 3

Dikjarazzjoni tad-dominju tal-EETS

Id-dikjarazzjoni tad-dominju tal-EETS imsemmija fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva (UE) 2019/520 għandha, bħala minimu, tinkludi l-elementi elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u għandha tkun konformi mar-rekwiżiti previsti f'dak l-Anness.

Artikolu 4

Ir-rwoli u l-interfaċċi tal-partijiet interessati tal-EETS

1. Il-kolletturi tal-pedaġġ u l-fornituri tal-EETS għandhom idaħħlu fis-seħħ interfaċċi komuni u jimplimentaw protokoll tal-komunikazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti tal-Anness I ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni interoperabbli, il-fornituri tal-EETS għandhom jipprovdu lill-kolletturi tal-pedaġġ informazzjoni sigura relattiva għall-operazzjonijiet ta' pedaġġ u l-kontroll/infurzar f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli.
2. Il-fornituri tal-EETS għandhom jiżguraw li l-kolletturi tal-pedaġġ ikunu jistgħu jidentifikaw b'mod faċli u mingħajr ambigwità jekk vettura li qed tiċċirkola fid-dominju tal-EETS tagħhom li tirrikjedi l-użu ta' OBE u li allegatament qed tuża l-EETS hijiex fil-fatt mgħammra b'OBE tal-EETS invalidat u li jiffunzjona kif suppost illi jipprovdi informazzjoni korretta.
3. L-OBE tal-EETS għandu jipprovdi interfaċċja bniedem-magna, li tindika lill-utent li l-OBE qed jiffunzjona kif suppost, kif ukoll interfaċċja għad-dikjarazzjoni tal-parametri varjabbli tal-pedaġġ u għall-indikazzjoni tal-konfigurazzjonijiet ta' dawk il-parametri.

Artikolu 5

Il-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u l-idoneità għall-użu

Il-konformità mal-ispeċifikazzjoni u l-idoneità għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà għandhom jiġu vvalutati f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Artikolu 6

Tħassir

Id-Deċiżjoni 2009/750/KE titħassar b'effett mid-19 ta' Ottubru 2021.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mid-19 ta' Ottubru 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

L-INTERFAĊĊJI TAS-SERVIZZ EWROPEW TA' PEDAĠĠ ELETTRONIKU

Il-fornituri tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku (EETS) u l-kolletturi tal-pedaġġ għandhom jużaw l-interfaċċji elettroniki li ġejjin:

1. L-interfaċċji elettroniki tar-radju mal-ġenb tat-triq bejn it-tagħmir ta' abbord (OBE) tal-fornitur tal-EETS u t-tagħmir fiss jew mobbli tal-kollettur tal-pedaġġ. Bħala minimu, l-interfaċċji standardizzati mal-ġenb tat-triq bejn l-OBE u t-tagħmir fiss jew mobbli tal-kolletturi tal-pedaġġ għandhom jappoġġjaw:
 - (a) Tranżazzjonijiet ta' ċċarġjar tal-Komunikazzjoni Ddedikata Fuq Medda Qasira (DSRC), li jkunu konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:
 - (i) l-OBE tal-fornituri tal-EETS għandu jappoġġja l-EN 15509:2014 ⁽¹⁾ kif ukoll daww il-klawżoli ta' ETSI ES 200674-1 V2.4.1 ⁽²⁾ li jirrigwardjaw l-interoperabbiltà;
 - (ii) it-tagħmir fiss jew mobbli tal-kolletturi tal-pedaġġ mal-ġenb tat-triq għandu jappoġġja l-EN 15509:2014. Fl-Italja, it-tagħmir fiss jew mobbli tal-kolletturi tal-pedaġġ mal-ġenb tat-triq jista' minflok jappoġġja daww il-klawżoli ta' ETSI ES 200674-1 V2.4.1 li jirrigwardjaw l-interoperabbiltà;
 - (b) tranżazzjonijiet għall-verifika tal-konformità f'linja reali konformi ma' EN ISO 12813:2015 ⁽³⁾;
 - (c) awmentazzjoni tal-lokalizzazzjoni (fejn applikabbli) konformi ma' EN ISO 13141:2015 ⁽⁴⁾.

L-OBEs tal-EETS għandhom ikunu konformi mal-punti 1(a), 1(b) u 1(c). L-OBEs tal-EETS ipprovduti għall-utenti tal-vetturi ħief għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt 1(a) kif imsemmi fl-Artikolu 3(6) tad-Direttiva (UE) 2019/520.

Il-kolletturi tal-pedaġġ jistgħu jimplimentaw kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti 1(a), 1(b), 1(c) u 2 fit-tagħmir fiss jew mobbli mal-ġenb tat-triq tagħhom skont ir-rekwiżiti tagħhom.

Meta l-kollettur tal-pedaġġ jimplimenta verżjoni ġdida ta' standard għal interfaċċja bejn it-tagħmir mal-ġenb tat-triq u l-OBE, l-interfaċċja għandha tkompli tappoġġja l-verżjoni preċedenti tal-istandard għal perġodu limitat sabiex tippermetti l-kompatibbiltà kontinwa tas-sistema elettronika tagħha għall-ġbir tal-pedaġġ mal-OBEs li jkunu qed jiġihaddmu. It-tul ta' dan il-perġodu għandu jiġi ppubblikat mill-kollettur tal-pedaġġ fid-dikjarazzjoni tad-dominju tal-EETS tiegħu u ma jistax ikun iqsar minn sentejn.

2. Sistemi ta' immaġni elettro-ottiki fit-tagħmir fiss jew mobbli tal-kollettur tal-pedaġġ mal-ġenb tat-triq, li jipprovdut mezz għar-rikonossiment awtomatiku tal-pjanċi (ANPR), f'sistemi ta' pedaġġ fejn l-installazzjoni u l-użu ta' OBE mhumiex meħtieġa.
3. Interfaċċji elettroniki bejn is-sistemi rispettivi tal-back office.

Il-kontrolluri tal-pedaġġ għandhom jimplimentaw biss daww l-aspetti tal-interfaċċja li huma marbuta mat-teknoloġija użata fid-dominju tal-EETS taħt ir-responsabbiltà tagħhom (GNSS, DSRC u/jew ANPR).
- 3.1. L-interfaċċji tal-back office li ġejjin għandhom jiġu implimentati kemm mill-fornituri tal-EETS kif ukoll mill-kolletturi tal-pedaġġ b'mod indipendenti mit-teknoloġija użata fid-dominju tal-pedaġġ tal-EETS:
 - (a) l-iskambju ta' informazzjoni għall-appoġġ tal-immaniġġjar ta' eċċezzjonijiet mill-kontrolluri tal-pedaġġ lill-fornituri tal-EETS.
 - (b) l-iskambju ta' listi relatati mal-utenti tal-EETS mill-fornituri tal-EETS u l-kontrolluri tal-pedaġġ.
 - (c) l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-affidabbiltà.
 - (d) l-iskambju ta' data dwar il-kuntest tal-pedaġġ.
 - (e) b'mod fakultattiv, l-iskambju ta' talbiet għal pagamenti skont il-mudell tan-negozju adottat.
- 3.2. L-interfaċċji tal-back office li ġejjin għandhom jiġu implimentati b'mod addizzjonali kemm mill-fornituri tal-EETS kif ukoll mill-kolletturi tal-pedaġġ għad-dominji tal-EETS, li jimplimentaw it-teknoloġija tal-GNSS:
 - (a) is-sottomissjoni u l-validazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-pedaġġ tas-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita (GNSS).
 - (b) b'mod fakultattiv, l-iskambju ta' avviżi ta' hla skont il-mudell tan-negozju adottat.
 - (c) b'mod fakultattiv, l-iskambju tad-dettalji tal-kontijiet skont il-mudell tan-negozju adottat.

⁽¹⁾ Ġbir tat-tariffi b'mezzi elettroniċi — Profil tal-applikazzjoni tal-interoperabbiltà għad-DSRC

⁽²⁾ Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS); Telematika tat-Trasport bit-Triq u tat-Traffiku (RTTT); Komunikazzjoni Ddedikata Fuq Medda Qasira (DSRC); Parti 1: Il-karatteristiċi tekniċi u l-metodi tal-ittestjar għat-tagħmir tat-trażmissjoni tad-data b'Rata Għolja ta' Data (HDR) li jopera fil-banda Industrijali, Xjentifika u Medika (ISM) ta' 5,8 GHz.

⁽³⁾ Il-ġbir tat-tariffi b'mod elettroniku — Komunikazzjoni dwar il-kontroll tal-konformità għal sistemi awtonomi

⁽⁴⁾ Il-ġbir tat-tariffi b'mod elettroniku — Komunikazzjoni dwar l-awmentazzjoni tal-lokalizzazzjoni għal sistemi awtonomi

- 3.3. L-interfaċċji tal-*back office* li ġejjin għandhom jiġu implimentati b'mod addizzjonali kemm mill-fornituri tal-EETS kif ukoll mill-kollekturi tal-pedaġġ għad-dominji tal-EETS, li jimplimentaw it-teknoloġija tad-DSRC:
- (a) l-iskambju tad-dettalji tal-kontijiet.
 - (b) b'mod fakultattiv, l-iskambju ta' talbiet għal pagamenti abbażi ta' tranżazzjonijiet ta' ċċarġjar tal-komunikazzjoni ddedikata fuq medda qasira (DSRC).
- 3.4. L-interfaċċji tal-*back office* li ġejjin għandhom jiġu implimentati b'mod addizzjonali kemm mill-fornituri tal-EETS kif ukoll mill-kollekturi tal-pedaġġ għad-dominji tal-EETS li jimplimentaw it-teknoloġija tal-ANPR:
- (a) b'mod fakultattiv, l-iskambju tad-dettalji tal-kontijiet.
 - (b) b'mod fakultattiv, l-iskambju ta' talbiet għal pagamenti abbażi ta' tranżazzjonijiet ta' ċċarġjar tal-ANPR.

L-interfaċċji elettroniċi għall-iskemi bbażati fuq id-DSRC u l-GNSS bejn is-sistemi rispettivi tal-*back office* tal-kollektur tal-pedaġġ u dawk tal-fornitur tal-EETS għandhom ikunu konformi ma' CEN/TS 16986:2016 ^(*), kif ikkoreġut mis-CEN/TS 16986:2016/AC:2017, mhux aktar tard minn ħames snin mid-data tal-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Fejn il-kollektur tal-pedaġġ jew il-fornitur tal-EETS jimplimenta verżjoni ġdida ta' standard, huwa għandu jkompli jappoġġja, għal perjodu limitat, li jdum mhux inqas minn sentejn, l-iskambju tad-*data* kompatibbli mal-verżjoni preċedenti tal-istandard sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà kontinwa tal-*back offices*

(*) Il-Ġbir tat-Tariffi b'Mod Elettroniku — Profili ta' applikazzjonijiet interoperabbli għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Forniment tas-Servizzi u l-Ċċarġjar tal-Pedaġġ

ANNEX II

IL-KONTENUT MINIMU TA' DIKJARAZZJONI TAD-DOMINJU TA' SERVIZZ EWROPEW TA' PEDAĠĠ ELETRONIKU

Dikjarazzjoni tad-dominju tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku (EETS) għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

1. Taqsima dwar il-kundizzjonijiet proċedurali, li ma għandhomx ikunu diskriminatorji u li għandhom jinkludu mill-inqas:
 - (a) il-politika dwar it-tranżazzjonijiet tal-pedaġġ (inklużi l-parametri tal-awtorizzazzjoni, id-data tal-kuntest tal-pedaġġ, il-listi suwed);
 - (b) il-proċeduri u l-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz, inkluż il-format għall-komunikazzjoni ta' data dwar id-dikjarazzjoni tal-pedaġġ jew data dwar il-kontijiet, il-ħinijiet u l-frekwenza għat-trasferiment ta' data dwar id-dikjarazzjoni tal-pedaġġ, il-perċentwal aċċettat ta' pedaġġ mitluf/żbaljat, il-preċiżjoni tad-data dwar id-dikjarazzjoni tal-pedaġġ, il-prestazzjoni tad-disponibbiltà operattiva;
 - (c) il-politika dwar il-fatturazzjoni;
 - (d) il-politika tal-ħlas;
 - (e) referenza għall-korp rilevanti tal-konċiljazzjoni u l-kompetenzi tiegħu relatati ma' tilwim dwar ir-rimunerazzjoni tal-fornituri tal-EETS u tal-fornitur tas-servizz ewlieni;
 - (f) il-kundizzjonijiet kummerċjali.
- 1.1. It-taqsima dwar il-kundizzjonijiet kummerċjali għandha tinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin applikabbli għall-fornituri tal-EETS:
 - (a) kwalunkwe ħlas fiss applikabbli bbażat fuq il-kostijiet imġarrba mill-kollektur tal-pedaġġ għall-forniment, it-tħaddim u ż-żamma ta' sistema konformi mal-EETS. Il-kontrollur tal-pedaġġ ma jistax jimponi fuq il-fornituri tal-EETS il-ħlas fiss ibbażat fuq dawn il-kostijiet jekk il-kostijiet tal-forniment, tat-tħaddim u taż-żamma ta' sistema konformi mal-EETS ikunu inklużi fil-pedaġġ;
 - (b) kwalunkwe ħlas fiss applikabbli li għandu jitħallas mill-fornituri tal-EETS abbażi tal-kost tal-proċedura tal-akkreditazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 2(20) tad-Direttiva (UE) 2019/520, inkluż il-kost tal-valutazzjoni tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet jew l-idoneità għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà;
 - (c) kwalunkwe rekwiżiti applikabbli għal garanzija bankarja jew strument finanzjarju ekwivalenti, li ma jistgħux jaqbuż l-ammont medju ta' tranżazzjonijiet ta' pedaġġ fix-xahar imħallas mill-fornitur tal-EETS għal dan id-dominju tal-pedaġġ. Dan l-ammont għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-ammont totali ta' tranżazzjonijiet tal-pedaġġ imħallas mill-fornitur tal-EETS għal dan id-dominju tal-pedaġġ fis-sena ta' qabel. Għal forniture ġodda tal-EETS u għad-dominji tal-pedaġġ ġodda, l-ammont għandu jkun ibbażat fuq it-tranżazzjonijiet tal-pedaġġ medji mistennija li għandhom jithallu mill-fornitur tal-EETS għal dan id-dominju tal-pedaġġ fil-perjodu tal-fatturazzjoni bbażat fuq l-għadd ta' kuntratti u l-pedaġġ medju għal kull kuntratt stmat fil-pjan tan-negozju tal-fornitur tal-EETS għad-dominju tal-pedaġġ speċifiku.
- 1.2. Il-kundizzjonijiet kummerċjali għandhom jinkludu wkoll, bħala minimu, deskrizzjoni tal-elementi użati sabiex tiġi definita r-rimunerazzjoni fissa u/jew varjabbli mħallsa mill-kollektur tal-pedaġġ lill-fornitur tal-EETS. Ir-rimunerazzjoni tista' tvarja skont l-elementi li ġejjin:
 - (a) l-ammont tal-pedaġġ miġbur mill-fornitur tal-EETS f'isem il-kollektur tal-pedaġġ;
 - (b) l-għadd ta' biċċiet attivi tat-tagħmir ta' abbord (OBE) ipprovduti mill-fornitur tal-EETS, li jintużaw fid-dominju tal-EETS tal-kollektur tal-pedaġġ ikkonċernat;
 - (c) fejn applikabbli, l-għadd ta' tranżazzjonijiet tal-pedaġġ, jew indikazzjoni oħra tal-kost tal-komunikazzjonijiet mobbli bejn l-OBE u l-back office tal-fornitur tal-EETS;
 - (d) il-fatturi maħruġa mill-fornitur tal-EETS lill-utenti tal-EETS għall-pedaġġi dovuti għall-użu tad-dominju tal-EETS ikkonċernat;
 - (e) in-natura ta' servizzi oħrajn esternalizzati mill-kollektur tal-pedaġġ lill-fornitur tal-EETS.
- 1.3. Id-dikjarazzjoni tad-dominju għandha tinkludi wkoll deskrizzjoni tar-rekwiżiti u l-obbligi speċifiċi tal-fornitur tas-servizz ewlieni, li jvarjaw minn dawk tal-fornituri tal-EETS u li jiġġustifikaw kwalunkwe differenza fir-rimunerazzjoni tal-fornitur tas-servizz ewlieni meta mqabbla ma' dik tal-fornituri tal-EETS.
2. Taqsima li tiddefinixxi *ex ante* l-passi tal-akkreditazzjoni ta' forniture tal-EETS għad-dominju tal-EETS u t-tul indikattiv tal-proċedura ta' akkreditazzjoni. Din it-taqsima għandha tistabbilixxi l-proċedura kompluta għall-valutazzjoni tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u l-idoneità għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà. Hija għandha tinkludi lista ta' ċertifikati meħtieġa, testijiet fil-laboratorju u fuq il-post u l-kostijiet indikattivi tagħhom, kif ukoll kriterji jew parametri li jistgħu jitkeġlu li jindikaw il-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet.

It-taqsima għandu jkun fiha referenzi għall-istandards Ewropej jew internazzjonali kollha applikabbli relatati mal-pedaġġ elettroniku u eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom fid-dominju tal-EETS. Hija għandha tispeċifika wkoll ir-rekwiżiti tekniċi kollha li huma speċifiċi għad-dominju tal-EETS u li mhumiex koperti mill-istandards Ewropej jew internazzjonali.

L-istess proċedura ta' aċċettazzjoni għandha tapplika għall-fornituri kollha tal-EETS.

3. Taqsima dwar id-*data* tal-kuntest tal-pedaġġ.
-

ANNEX III

IL-KONFORMITÀ MAL-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET U L-IDONEITÀ GĦALL-UŻU TAL-KOSTITWENTI TAL-INTEROPERABILITÀ**IL-KONFORMITÀ MAL-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET**

Il-konformità tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà (inklużi l-interfaċċji u t-tagħmir mal-ġenb tat-triq) mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 15(4) u 15(5) tad-Direttiva (UE) 2019/520 u mal-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards tekniċi rilevanti kollha għandha, qabel ma dawn jitqiegħdu fis-suq, tintwera permezz ta' waħda mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li ġejjin, adattati għall-ispeċifità tas-settur abbażi tal-moduli pprovduti mid-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE⁽¹⁾:

- (a) kontroll intern tal-produzzjoni kif stabbilit fit-taqsimi I (il-modulu A);
- (b) eżami tat-tip tal-UE kif stabbilit fit-taqsimi II (il-Modulu B) li huwa segwit minn Konformità mat-tip abbażi ta' kontroll intern tal-produzzjoni stabbilit fit-taqsimi III (il-Modulu C).

I. Modulu A — Kontroll intern tal-produzzjoni

Il-kontroll intern tal-produzzjoni huwa l-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stipulati fil-punti (a), (b) u (c), u jiżgura u jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li l-kostitwenti tal-interoperabbiltà kkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 15(4) u 15(5) tad-Direttiva (UE) 2019/520.

(a) Dokumentazzjoni teknika

Il-manifattur għandu jħejji d-dokumentazzjoni teknika. Id-dokumentazzjoni għandha tagħmilha possibbli li tiġi vvalutata l-konformità tal-kostitwent tal-interoperabbiltà mar-rekwiżiti rilevanti, u għandha tinkludi analiżi u valutazzjoni adegwati tar-riskju/i. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tispeċifika r-rekwiżiti applikabbli u tkopri, sa fejn ikun rilevanti għall-valutazzjoni, id-disinn, il-manifattura u l-operat tal-kostitwent tal-interoperabbiltà. Kull fejn ikun applikabbli, id-dokumentazzjoni teknika għandu jkollha mill-inqas l-elementi li ġejjin:

- (i) deskrizzjoni ġenerali tal-komponent tal-interoperabbiltà,
- (ii) disinn kunċettwali u tpinġijiet tal-manifattura u skemi tal-komponenti, tas-sotto-montaturi, taċ-ċirkwiti, eċċ.
- (iii) id-deskrizzjonijiet u l-ispeġgazzjonijiet meħtieġa sabiex jinftehmaw dawk it-tpinġijiet u l-iskemi u għall-operat tal-kostitwent tal-interoperabbiltà,
- (iv) referenza għall-kategorija ta' interfaċċji kif stabbilita fl-Anness I,
- (v) lista tal-istandards u/jew speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħrajn, applikati kompletament jew parzjalment, u deskrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet adottati sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fit-Taqsimi I,
- (vi) ir-riżultati tal-kalkoli tad-disinji magħmula, l-eżamijiet imwettqa, eċċ., u
- (vii) rapporti tat-testijiet.

(b) Il-manifattura

Il-manifattur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex il-proċess tal-manifattura u l-monitoraġġ tiegħu jiżguraw il-konformità tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà manifatturati mad-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-punt (a) u mar-rekwiżiti tal-istrumenti leġiżlattivi li japplikaw għalihom.

(c) Dikjarazzjoni ta' konformità "KE"

Il-manifattur għandu jħejji dikjarazzjoni ta' konformità "KE" bil-miktub għal mudell ta' kostitwent tal-interoperabbiltà u jżommha flimkien mad-dokumentazzjoni teknika, għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali, għal perijodu ta' 10 snin wara t-tqegħid fis-suq tal-kostitwent tal-interoperabbiltà. Id-dikjarazzjoni ta' konformità "KE" għandha tidentifika l-kostitwent tal-interoperabbiltà li għalih tkun tfasslet.

Kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità "KE" għandha tiġi magħmula disponibbli lill-awtoritajiet rilevanti fuq talba.

(d) Rappreżentant awtorizzat

L-obbligi tal-manifattur stabbiliti fil-punt (b) jistgħu jiġu ssodisfati mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, fismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, sakemm dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

II. Modulu B — Eżami tat-tip tal-UE

1. L-eżami tat-tip tal-UE huwa dik il-parti minn proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li fiha korp innotifikat jeżamina d-disinn tekniku ta' kostitwent tal-interoperabbiltà u jivverifika u jiċċertifika li d-disinn tekniku tal-kostitwent tal-interoperabbiltà jissodisfa r-rekwiżiti tal-istrument leġiżlattiv li japplikaw għalih.
2. L-eżami tat-tip tal-UE jista' jitwettaq b'wieħed mill-modi li ġejjin:
 - eżami ta' kampjun, rappreżentattiv tal-produzzjoni maħsuba, tal-kostitwent tal-interoperabbiltà komplet (tip ta' produzzjoni),
 - valutazzjoni tal-adegwatezza tad-disinn tekniku tal-kostitwent tal-interoperabbiltà permezz ta' eżami tad-dokumentazzjoni teknika u l-evidenza ta' sostenn imsemmija fil-punt 3, flimkien ma' eżami tal-kampjuni, rappreżentattivi tal-produzzjoni maħsuba, ta' parti kritika waħda jew aktar tal-kostitwent tal-interoperabbiltà (kombinazzjoni tat-tip ta' produzzjoni u t-tip ta' disinn),
 - valutazzjoni tal-adegwatezza tad-disinn tekniku tal-kostitwent tal-interoperabbiltà permezz ta' eżami tad-dokumentazzjoni teknika u l-evidenza ta' sostenn imsemmija fil-punt 3, mingħajr eżami ta' kampjun (tip ta' disinn).
3. Il-manifattur għandu jippreżenta applikazzjoni għall-eżami tat-tip tal-UE lil korp innotifikat wieħed tal-għażla tiegħu.
L-applikazzjoni għandha tinkludi:
 - (a) l-isem u l-indirizz tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni tiġi ppreżentata mir-rappreżentant awtorizzat, ismu u l-indirizz tiegħu wkoll;
 - (b) dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma ġiet ippreżentata lill-ebda korp notifikat ieħor,
 - (c) id-dokumentazzjoni teknika, li għandha tagħmilha possibbli li tiġi vvalutata l-konformità tal-kostitwent tal-interoperabbiltà mar-rekwiżiti applikabbli tal-istrument leġiżlattiv u li għandha tinkludi analiżi u valutazzjoni adegwati tar-riskju/i. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tispeċifika r-rekwiżiti applikabbli u tkopri, sa fejn ikun rilevanti għall-valutazzjoni, id-disinn, il-manifattura u l-operat tal-kostitwent tal-interoperabbiltà. Id-dokumentazzjoni teknika għandu jkollha, kull fejn applikabbli, mill-inqas l-elementi li ġejjin:
 - (i) deskrizzjoni ġenerali tal-kostitwent tal-interoperabbiltà,
 - (ii) disinn kunċettwali u tpinġijiet tal-manifattura u skemi tal-komponenti, tas-sotto-montaturi, taċ-ċirkwiti, eċċ.,
 - (iii) id-deskrizzjonijiet u l-ispejegazzjonijiet meħtieġa sabiex jinftiehmaw dawk it-tpinġijiet u l-iskemi u għall-operat tal-kostitwent tal-interoperabbiltà,
 - (iv) lista tal-istandards armonizzati u/jew ta' speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħrajn li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, applikati kompletament jew parzjalment, u deskrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet adottati sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti essenzjali tal-istrument leġiżlattiv, fejn dawk l-istandards armonizzati ma jkunux ġew applikati; Fil-każ ta' standards armonizzati li jkunu ġew applikati parzjalment, id-dokumentazzjoni teknika għandha tispeċifika l-partijiet li ġew applikati,
 - (v) ir-riżultati tal-kalkoli tad-disinji magħmula, l-eżamijiet imwettqa, eċċ., u
 - (vi) rapporti tat-testijiet,
 - (d) il-kampjuni rappreżentattivi tal-produzzjoni maħsuba. Il-korp innotifikat jista' jitlob aktar kampjuni jekk ikunu meħtieġa għat-twettiq tal-programm tat-test,
 - (e) l-evidenza ta' sostenn għall-adegwatezza tas-soluzzjoni tad-disinn tekniku. Din l-evidenza ta' sostenn għandha ssemmi kwalunkwe dokument li jkun intuża, b'mod partikolari fejn l-istandards armonizzati rilevanti u/jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ma jkunux ġew applikati kompletament. L-evidenza ta' sostenn għandha tinkludi, fejn ikunu meħtieġa, ir-riżultati tat-testijiet imwettqa mil-laboratorju xieraq tal-manifattur, jew minn laboratorju tal-ittestjar ieħor, f'ismu jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu.
4. Il-korp innotifikat għandu:

Fir-rigward tal-kostitwent tal-interoperabbiltà:

 - 4.1. jeżamina d-dokumentazzjoni teknika u l-evidenza ta' sostenn sabiex jivvaluta l-adegwatezza tad-disinn tekniku tal-kostitwent tal-interoperabbiltà;

Fir-rigward tal-kampjun(i):

- 4.2. jivverifika li l-kampjun(i) kien(u) manifatturat(i) f'konformità mad-dokumentazzjoni teknika, u jidentifika l-elementi li tfasslu f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-istandards armonizzati rilevanti u/jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, kif ukoll l-elementi li tfasslu mingħajr ma ġew applikati d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' daww l-istandards;
- 4.3. iwettaq l-eżamijiet u t-testijiet xierqa, jew iqabbaq lil min iwettaqhom, sabiex jivverifika jekk, fejn il-manifattur ikun għażel li japplika s-soluzzjonijiet fl-istandards armonizzati rilevanti u/jew fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, dawn ġewx applikati b'mod korrett;
- 4.4. iwettaq l-eżamijiet u t-testijiet xierqa, jew iqabbaq lil min iwettaqhom, sabiex jivverifika jekk, fejn ma jkunux ġew applikati s-soluzzjonijiet fl-istandards armonizzati rilevanti u/jew fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, is-soluzzjonijiet adottati mill-manifattur jissodisfawx ir-rekwiżiti essenzjali korrispondenti tal-istrument leġiżlattiv;
- 4.5. jiftiehem mal-manifattur dwar il-post fejn jitwettqu l-eżamijiet u t-testijiet.

5. Il-korp innotifikat għandu jħejji rapport ta' evalwazzjoni li jirreġistra l-attivitajiet imwettqa f'konformità mal-punt 4 u l-eżiti tagħhom. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tiegħu vis-à-vis l-awtoritajiet notifikanti, il-korp innotifikat għandu jgħid il-kontenut tar-rapport, kompletament jew parzjalment, biss bil-qbil tal-manifattur.
6. Fejn it-tip jissodisfa r-rekwiżiti tal-istrument leġiżlattiv speċifiku li japplika għall-kostitwent tal-operabbiltà kkonċernat, il-korp innotifikat għandu jgħid ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE lill-manifattur. Iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-isem u l-indirizz tal-manifattur, il-konklużjonijiet tal-eżami, il-kundizzjonijiet (jekk ikun hemm) għall-validità tiegħu u d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tat-tip approvat. Iċ-ċertifikat jista' jkollu anness wiehied jew aktar mehmuż(a) miegħu.

Iċ-ċertifikat u l-annessi tiegħu għandhom jinkludu l-informazzjoni rilevanti kollha sabiex tkun tista' tiġi evalwata l-konformità tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà manifatturati mat-tip eżaminat u sabiex ikun hemm lok għal kontroll fis-servizz.

Fejn it-tip ma jissodisfax ir-rekwiżiti applikabbli tal-istrument leġiżlattiv, il-korp innotifikat għandu jirrifjuta li jgħid ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE u għandu jinforma b'dan lill-applikant, fejn jagħti raġunijiet dettaljati għar-rifjut tiegħu.

7. Il-korp innotifikat għandu jżomm lilu nnifsu informat dwar kwalunkwe bidla fl-aktar teknoloġija avvanzata ġeneralment rikonoxxuta, li tindika li t-tip approvat jista' ma jibqax konformi mar-rekwiżiti applikabbli tal-istrument leġiżlattiv, u għandu jiddetermina jekk tali bidliet ikunux jeħtieġu aktar investigazzjoni. Jekk ikun il-każ, il-korp innotifikat għandu jinforma b'dan lill-manifattur.

Il-manifattur għandu jinforma lill-korp innotifikat li għandu d-dokumentazzjoni teknika relatata maċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE bil-modifiki kollha għat-tip approvat li jistgħu jaffettwaw il-konformità tal-kostitwent tal-interoperabbiltà mar-rekwiżiti essenzjali tal-istrument leġiżlattiv jew mal-kundizzjonijiet għall-validità taċ-ċertifikat. Dawn il-modifiki għandhom jeħtieġu approvazzjoni addizzjonali fil-forma ta' żieda maċ-ċertifikat oriġinali tal-eżami tat-tip tal-UE.

8. Kull korp innotifikat għandu jinforma lill-awtoritajiet notifikanti tiegħu dwar iċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-UE u/jew kwalunkwe żieda magħhom, li huwa jkun ħareġ jew irtira, u għandu, perjodikament jew jekk jintalab jagħmel dan, jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet notifikanti tiegħu, il-lista taċ-ċertifikati u/jew kwalunkwe żidiet magħhom li jkunux ġew irrifjutati, sospiżi jew ristretti b'xi mod ieħor.

Kull korp innotifikat għandu jinforma lill-korpi nnotifikati l-oħrajn dwar iċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-UE u/jew kwalunkwe żieda magħhom, li huwa jkun irrifjuta, irtira, issospenda jew irrestrinġa b'mod ieħor u, jekk jintalab, dwar iċ-ċertifikati u/jew iż-żidiet magħhom li jkun ħareġ.

Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-korpi nnotifikati l-oħrajn jistgħu, fuq talba, jiksbu kopja taċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-UE u/jew żidiet magħhom. Fuq talba, l-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jiksbu kopja tad-dokumentazzjoni teknika u tar-riżultati tal-eżamijiet imwettqa mill-korp innotifikat. Il-korp innotifikat għandu jżomm kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE, tal-annessi tiegħu u iż-żidiet miegħu, kif ukoll tal-fajl tekniku, inkluża d-dokumentazzjoni mressqa mill-manifattur, sakemm tiskadi l-validità taċ-ċertifikat.

9. Il-manifattur għandu jżomm kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE, l-annessi tiegħu u iż-żidiet miegħu, flimkien mad-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara t-tqegħid fis-suq tal-kostitwent tal-interoperabbiltà.

10. Ir-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur jista' jippreżenta l-applikazzjoni msemmija fil-punt 3 u jwettaq l-obbligi stabbiliti fil-punti 7 u 9, sakemm dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

III. Modulu C — Konformità mat-tip abbażi tal-kontroll intern tal-produzzjoni

1. Il-konformità mat-tip abbażi tal-kontroll intern tal-produzzjoni hija dik il-parti ta' proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stipulati fil-punti 2 u 3, u jiżgura u jiddikjara li l-kostitwenti tal-interoperabbiltà kkonċernati jkunu f'konformità mat-tip deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-istrument leġiżlattiv li japplikaw għalihom.

2. Il-manifattura

Il-manifattur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex il-proċess ta' manifattura u l-monitoraġġ tiegħu jiżguraw il-konformità tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà manifatturati mat-tip approvat deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u mar-rekwiżiti tal-istrument leġiżlattiv li japplikaw għalihom.

3. Il-marka tal-konformità u d-dikjarazzjoni tal-konformità

3.1. Il-manifattur għandu jwaħħal il-marka tal-konformità meħtieġa stabbilita fl-istrument leġiżlattiv ma' kull kostitwent tal-interoperabbiltà individwali li jkun f'konformità mat-tip deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-KE u li jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli tal-istrument leġiżlattiv.

3.2. Il-manifattur għandu jħejji dikjarazzjoni ta' konformità bil-miktub għal mudell ta' kostitwent tal-interoperabbiltà u jżommha għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara t-tqegħid fis-suq tal-kostitwent tal-interoperabbiltà. Id-dikjarazzjoni ta' konformità għandha tidentifika l-mudell tal-kostitwent tal-interoperabbiltà li għalih tkun tfasslet.

Meta ssir talba għaliha, għandha tiġi pprovduta kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità lill-awtoritajiet rilevanti.

4. Rappreżentant awtorizzat

L-obbligi tal-manifattur stabbiliti fil-punt 3 jistgħu jiġu ssodisfati mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, fismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, sakemm dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

IV. Speċifikazzjonijiet tat-testijiet

L-evalwazzjoni tal-konformità tal-implimentazzjoni mar-rekwiżiti msemmija fil-punt 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u fl-Artikolu 5(4) tad-Direttiva (UE) 2019/520 tista' tiġi evalwata billi jiġu applikati l-ispeċifikazzjonijiet tat-testijiet li ġejjin:

- L-Anness I 1(a) ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni kien relatat mat-tranżazzjonijiet tal-ħlas permezz tad-DSRC: EN 15876-1:2016 ⁽¹⁾, ETSI TS 102 708-1-1:2010 ⁽²⁾, ETSI TS 102 708-1-2:2010 ⁽³⁾, ETSI TS 102 708-2-1:2013 ⁽⁴⁾ u ETSI TS 102 708-2-2:2018 ⁽⁵⁾, rispettivament;
- L-Anness I 1(b) ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni kien relatat mat-tranżazzjonijiet għall-verifika tal-konformità f'linja reali: EN ISO 13143-1:2016 ⁽⁶⁾;
- L-Anness I 1(c) ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni kien relatat mal-awmentazzjoni tal-lokalizzazzjoni: EN ISO 13140-1:2016 ⁽⁸⁾.

⁽¹⁾ Il-ġbir tat-tariffi b'mod elettroniku — Evalwazzjoni tat-tagħmir ta' abbord u mal-ġenb tat-triq għall-konformità ma' EN 15509

⁽²⁾ Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS); RTTT; L-ispeċifikazzjonijiet tat-test għat-tagħmir tat-trażmissjoni tad-data b'Rata Għolja ta' Data (HDR) li jopera fil-banda ISM ta' 5,8 GHz; Parti 1: Saff ta' Kollegament tad-Data; Subparti 1: L-ispeċifikazzjoni proforma tad-Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-Implimentazzjoni tal-Protokoll (PICS)

⁽³⁾ Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS); RTTT; L-ispeċifikazzjonijiet tat-test għat-tagħmir tat-trażmissjoni tad-data b'Rata Għolja ta' Data (HDR) li jopera fil-banda ISM ta' 5,8 GHz; Parti 1: Saff ta' Kollegament tad-Data; Subparti 2: Struttura tas-Serje ta' Testijiet u Għanijiet tat-Test (TSS&TP)

⁽⁴⁾ Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS); RTTT; L-ispeċifikazzjonijiet tat-test għat-tagħmir tat-trażmissjoni tad-data b'Rata Għolja ta' Data (HDR) li jopera fil-banda ISM ta' 5,8 GHz; Parti 2: Saff tal-Applikazzjoni; Subparti 1: L-ispeċifikazzjoni proforma tad-Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-Implimentazzjoni tal-Protokoll (PICS)

⁽⁵⁾ Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS); RTTT; L-ispeċifikazzjonijiet tat-test għat-tagħmir tat-trażmissjoni tad-data b'Rata Għolja ta' Data (HDR) li jopera fil-banda ISM ta' 5,8 GHz; Parti 2: Saff tal-Applikazzjoni; Subparti 2: Struttura tas-Serje ta' Testijiet u Għanijiet tat-Test (TSS&TP)

⁽⁶⁾ Il-ġbir tat-tariffi b'mod elettroniku — Evalwazzjoni tat-tagħmir ta' abbord u mal-ġenb tat-triq għall-konformità mal-ISO 12813 — Parti 1: Struttura tas-serje ta' testijiet u għanijiet tat-test

⁽⁸⁾ Il-ġbir tat-tariffi b'mod elettroniku — Evalwazzjoni tat-tagħmir ta' abbord u mal-ġenb tat-triq għall-konformità mal-ISO 13141 — Parti 1: Struttura tas-serje ta' testijiet u għanijiet tat-test

V. L-idoneità għall-użu (l-interoperabbiltà tas-servizz)

L-idoneità għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà tiġi vvalutata permezz tat-tħaddim jew l-użu tal-kostitwenti fis-servizz, integrati b'mod rappreżentattiv fis-sistema tal-pedaġġ tal-EETS (inklużi l-ambjenti tat-testijiet) tal-kollektur (i) tal-pedaġġ li fid-dominju tiegħu/tagħhom irid jiċċirkola t-tagħmir ta' abbord matul żmien speċifikat tal-operat. Il-valutazzjoni tal-idoneità għall-użu tista' tinkludi testijiet li jkunu ġew definiti minn qabel fid-dikjarazzjoni tad-dominju tal-EETS jew testijiet pilota b'utenti reali. Il-kollektur tal-pedaġġ jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, kif ukoll il-fornitur tal-EETS, il-manifattur jew rappreżentant awtorizzat u l-korp innotifikat li miegħu jkun applika l-fornitur tal-EETS, għandhom ikunu konformi ma' kull pass tal-valutazzjoni tal-idoneità għall-użu abbażi ta' kriterji jew parametri li jistgħu jitkejlu definiti fid-dikjarazzjoni tad-dominju tal-EETS f'konformità mal-Anness II.

Sabiex iwettaq valutazzjoni bħal din permezz ta' esperjenza fis-servizz sabiex juri l-interoperabbiltà fis-servizz tal-kostitwenti, il-manifattur, il-fornitur tal-EETS jew rappreżentant awtorizzat għandu jikkollabora direttament mal-kollektur(i) tal-pedaġġ jew japplika ma' korp innotifikat, soġġett għar-rekwiżiti fil-punti (a) u (b). Il-kollektur tal-pedaġġ rilevanti jista' jesiġi li t-testijiet u/jew it-testijiet pilota jitwettqu permezz tal-infrastruttura pprovduta mill-kollektur tal-pedaġġ, irrispettivament minn jekk il-fornitur tal-EETS jagħżilx li jikkollabora direttament mal-kollektur tal-pedaġġ jew japplikax ma' korp innotifikat.

- (a) Meta l-fornitur tal-EETS jikkollabora direttament mal-kollektur(i) tal-pedaġġ li fid-dominju tiegħu/tagħhom għandu jiċċirkola t-tagħmir ta' abbord:

Il-manifattur, il-fornitur tal-EETS jew rappreżentant awtorizzat għandu:

- (1) jipprevedi testijiet jew iqiegħed fis-servizz kampjun wieħed jew aktar rappreżentattiv(i) tal-kostitwent(i) tal-interoperabbiltà, kif mitlub mill-kollektur(i) tal-pedaġġ;
- (2) jissorvelja l-imġiba tal-kostitwent(i) tal-interoperabbiltà fis-servizz permezz ta' proċedura miftiehma u mistħarrġa mill-kollektur(i) tal-pedaġġ;
- (3) jagħti prova lill-kollektur(i) tal-pedaġġ li l-kostitwenti tal-interoperabbiltà jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-interoperabbiltà ta' tali Kollektur(i) tal-Pedaġġ;
- (4) iħejji dikjarazzjoni tal-idoneità għall-użu, soġġetta għall-kisba ta' attestazzjoni tal-idoneità għall-użu kkonsenjata mill-kollektur(i) tal-pedaġġ. Id-dikjarazzjoni tal-idoneità għall-użu tkopri l-valutazzjoni mill-kollektur(i) tal-pedaġġ tal-idoneità għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà tal-EETS fl-ambjent tal-EETS ta' tali Kollektur(i) tal-Pedaġġ;

Il-kollektur tal-pedaġġ għandu:

- (1) jiddefinixxi b'mod ċar il-programm għall-validazzjoni permezz tal-esperjenza fis-servizz
- (2) japprova l-proċedura tal-monitoraġġ tal-imġiba fis-servizz fid-dominji tal-pedaġġ tiegħu u jwettaq verifiki speċifiċi;
- (3) jivvaluta l-interoperabbiltà fis-servizz mas-sistema tiegħu;
- (4) jiċċertifika l-idoneità għall-użu fid-dominji tal-pedaġġ tiegħu f'każijiet fejn l-imġiba tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà jkollha suċċess.

- (b) Meta l-fornitur tal-EETS japplika ma' korp innotifikat, il-manifattur, il-fornitur tal-EETS jew rappreżentant awtorizzat għandu:

- (1) jipprevedi testijiet jew iqiegħed fis-servizz kampjun wieħed jew aktar rappreżentattiv(i) tal-kostitwent(i) tal-interoperabbiltà, kif mitlub mill-kollektur(i) tal-pedaġġ;
- (2) jissorvelja l-imġiba tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà fis-servizz bl-użu ta' proċedura approvata u mistħarrġa mill-korp innotifikat.
- (3) jipprovdi evidenza lill-korp innotifikat li l-kostitwent(i) tal-interoperabbiltà jissodisfa(w) ir-rekwiżiti kollha tal-interoperabbiltà tal-kollektur(i) tal-pedaġġ, inklużi r-riżultati tal-esperjenza fis-servizz;
- (4) iħejji d-dikjarazzjoni "KE" tal-idoneità għall-użu, soġġetta għall-kisba ta' ċertifikat tal-idoneità għall-użu kkonsenjat mill-korp innotifikat. Id-dikjarazzjoni "KE" tal-idoneità għall-użu tkopri l-valutazzjoni/ġudizzju mill-entità nnotifikata tal-idoneità għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà tal-EETS, ikkunsidrata fid-dominju tal-EETS u fl-ambjent tal-kollektur(i) tal-pedaġġ u, b'mod partikolari f'każijiet fejn ikunu involuti interfaċċi, fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, b'mod partikolari dawk ta' natura funzjonali, li għandhom jiġu vverifikati;

Il-korp innotifikat għandu:

- (1) jikkunsidra d-dikjarazzjoni ta' konformità "KE" mal-ispeċifikazzjonijiet, kif ukoll ir-rekwiżiti stipulati fid-dikjarazzjoni tad-dominju tal-EETS tal-kollektur(i) tal-pedaġġ.
- (2) jorganizza kollaborazzjoni mal-kollektur(i) tal-pedaġġ rilevanti;
- (3) jivverifika d-dokumentazzjoni teknika u l-programm għall-validazzjoni permezz tal-esperjenza fis-servizz;
- (4) japprova l-proċedura ta' monitoraġġ tal-imġiba fis-servizz u jwettaq sorveljanza speċifika;
- (5) jivvaluta l-interoperabbiltà fis-servizz mas-sistemi tal-kollektur tal-pedaġġ u l-proċessi operattivi;
- (6) joħroġ ċertifikat tal-idoneità għall-użu f'każijiet fejn l-imġiba tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà tkun korretta;
- (7) joħroġ rapport ta' spjegazzjoni f'każ fejn l-imġiba tal-kostitwent(i) tal-interoperabbiltà ma tkunx korretta. Ir-rapport għandu jkoll il-problemi li jistgħu jkunu minħabba n-nuqqas ta' konformità tas-sistemi u l-proċessi ta' kollettur tal-pedaġġ mal-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti. Jekk ikun xieraq, ir-rapport għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet bl-għan li jiġu riżolti l-problemi.

VI. Il-kontenut u l-format tad-dikjarazzjonijiet tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet tal-idoneità għall-użu

1. Il-kontenut tad-Dikjarazzjoni ta' konformità "KE"

Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE għandha tiddikjara li l-issodisfar tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(4), (5) u (6) tad-Direttiva (UE) 2019/520 ikun intwera.

Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE għandu jkollha l-istruttura tal-mudell stabbilita fil-punt 2 ta' din it-Taqsima. Din għandu jkun fiha l-elementi speċifikati fil-moduli rilevanti stabbiliti f'dan l-Anness u għandha tiġi aġġornata kontinwament. Hija għandha tiġi tradotta fil-lingwa jew lingwi meħtieġa mill-Istat Membru li fis-suq tiegħu jitqiegħed jew jiġi magħmul disponibbli l-kostitwent tal-interoperabbiltà.

Meta jfassal id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE, il-manifattur għandu jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-kostitwent tal-interoperabbiltà.

2. Il-mudell tad-Dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE

- (1) Nru (identifikazzjoni unika tal-kostitwent tal-interoperabbiltà);
- (2) L-isem u l-indirizz tal-manifattur jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu;
- (3) Din id-dikjarazzjoni ta' konformità tinhereg taħt ir-responsabbiltà unika tal-manifattur (jew tal-installatur);
- (4) L-għan tad-dikjarazzjoni (l-identifikazzjoni tal-kostitwent tal-interoperabbiltà li tippermetti t-traċċabbiltà. Tista' tinkludi ritratt, fejn xieraq);
- (5) L-għan tad-dikjarazzjoni deskritta hawn fuq huwa konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni:
- (6) Ir-referenzi għall-istandards armonizzati rilevanti li ntużaw jew ir-referenzi għall-ispeċifikazzjonijiet li fir-rigward tagħhom qed tiġi ddikjarata l-konformità;
- (7) Fejn ikun applikabbli, il-korp innotifikat (isem, numru) wettaq (deskrizzjoni tal-intervent) u ħareġ iċ-ċertifikat:
- (8) Informazzjoni addizzjonali:

Iffirmata għal u fisem:
(il-post u d-data tal-ħruġ):

(isem, funzjoni) (firma):

Id-dikjarazzjonijiet "KE" tal-idoneità għall-użu u d-dokumenti li jakkumpanjawhom iridu jkunu ddatati u ffirmati.

Id-dikjarazzjonijiet għandhom jinkitbu bl-istess lingwa bħall-istruzzjonijiet u jrid ikun fihom dawn li ġejjin:

- (a) referenzi għal-leġiżlazzjoni rilevanti;
- (b) l-isem u l-indirizz tal-manifattur, tal-fornitur tal-EETS jew tar-rappreżentant awtorizzat stabbilit ġewwa l-Komunità (ipprovdli l-isem kummerċjali u l-indirizz sħiħ tar-rappreżentant awtorizzat u l-isem kummerċjali tal-manifattur);
- (c) deskrizzjoni tal-kostitwent(i) tal-interoperabbiltà (għamla, tip, verżjoni, eċċ.);

- (d) deskrizzjoni tal-proċedura segwita sabiex ġiet iddikjarata l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet jew l-idoneità għall-użu;
 - (e) ir-rekwiżiti kollha rilevanti ssodisfati mill-kostitwenti tal-interoperabbiltà u, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom;
 - (f) fejn ikun applikabbli, l-isem u l-indirizz tal-kollettur(i) tal-pedaġġ jew tal-korp(i) nnotifikat(i) involuti fil-proċedura segwita għall-valutazzjoni tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet jew tal-idoneità għall-użu;
 - (g) fejn xieraq, referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi;
 - (h) l-identifikazzjoni tal-firmatarju li jkun ingħata s-setgħa li jidħol għal impenji fisem il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur stabbilit ġewwa l-Unjoni.
-